MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 826/2006

PULIZIJA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
FRANCIS SIVE FRANK DIFESA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis sive Frank Difesa, ta' 48 sena, iben Francis u Pawla xebba Psaila, imwieled Hamrun nhar 2 ta' Gunju 1957, residenti "Mick Flats" No.9 Triq il-Hatab, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 391257(M).

Ill huwa akkuzat talli nhar it-23 ta' April 2006 u xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwista b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u dik ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Supretendent Silvio Valletta xhed a fol.10 et seq. illi d-dirigenti tal-*Playmobile* kienu ghamlu rapport lil Pulizija illi fuq il-monti kienu qeghdin jinbieghu llegalment kwantita' ta' pupi tal-*Playmobile*.

Illi ghaldaqstant Supretendent Valletta baghat is-Surgent tieghu sabiex jaghmel spezzjoni u sab lill-imputat jbiegh dawn il-pupi.

Supretendent Valletta qal illi mill-investigazzjonijiet irrizultalu illi l-kumpanija *Playmobile* kienet tinkariga diversi nies sabiex isir l-*assembly* ta' dawn il-pupi fi djar Maltin u li dawn il-kuntratturi kienu obbligati illi jirriturnaw il-pupi kompleti (Dok.SV4 - a fol.13) nkluz il-fdalijiet u bcejjec ta' dawn il-pupi lill-istess kumpanija.

Fl-istqarrija tieghu, Frank Difesa nforma lill-Pulizija illi hu kien jahdem ta' *electrician* u li kellu licenza vigenti ta' *hawker* fuq il-monti (Dok.SV5 - a fol.15). Huwa stqarr illi kien xtara dawn il-pupi minghand in-nies li jigu fuq il-monti:

*"Jien insaqsi jekk dawn il-pupi humiex misruqa u dawn jghiduli li huma leftovers. Jien nixtrihom Lm 1 ghal kull basket tal-plastic mimli.*

*Nikkalkula li jkun hemm madwar 500 pupu f'kull basket. Jien naghmilhom fil-boroz tal-plastic u kull borza jkun fiha 24-il pupu u nbiegha ghal prezz ta' Lm 1 il-borza."*

Difesa stqarr illi huw ma kellux permess illi jbiegh dawn il-pupi mill-*Playmobile* u li ma jafhomx u hadd mill-kumpanija ma kien kellmu. Mistoqsi jekk kienx jaf dwar il-provenjenza ta' dawn il-pupi, l-imputat stqarr illi:

*"Dawn in-nies, jahdmu self employed u xogholhom huwa li jaqdu l-pupi li jgibu minghand il-Playmobil. Meta jiehdu dawn il-pupi maghquda huma jkollhom xi leftovers, u skond dawn il-kumpanija ma taccettax leftovers u allura dawn jaqduhom u jbieghhom."*

L-imputat, Frank Difesa, stqarr li kien jixtri ghal prezz ta' Lm 1, borza kbira ta' dawn il-pupi zarmati, kienu jigu assemblati u jbieghhom Lm 1 ghal erbgha u ghoxrin (24)-il pupu.

Martin Tealing (a fol.18), impjegat mal-*Playmobile*, kkonferma r-rapport li huwa ghamel ghan-nom tal-kumpanija *Playmobile* lill-Pulizija. Martin Tealing xhed illi l-*parts* tal-pupi jigu mghoddija lill-kuntratturi li jikkonsenjaw fid jar sabiex jigu assemblati. Il-prodott lest kif ukoll il-fdalijiet ta' *parts* jigu ritornati. Tealing ma kienx jaf jekk il-*Playmobile* kinitx il-mira ta' serq ftit qabel dan l-incident.

Martin Tealing ikkonferma illi huwa kien mar fuq il-monti u kien xtara pupi tal-*Playmobile* minghand l-imputat u li sussegwentement kien ghamel rapport lill-Pulizija.

L-imputat, Frank Difesa, ghazel li ma jixhidx u ma ressaq ebda prova ohra.

Ikkonsidrat:

L-imputat jinstab mixli b'ricettazzjoni. L-Artikolu 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

*"Kull min f'Malta xjentement jilqa' ghandu jew jixtri hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindahal biex ibieghhom jew imexxihom, jehel, meta jinsab hati…"*

Fit-trattazzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur, jistieden lil Qorti ssib htija fl-imputat ghaliex il-pupi kienu gejjin minn appropreazzjoni indebita ta' terzi u li l-imputat kien jaf li dawn l-affarijiet "suppost kellhom jigu ritornati lura lejn il-*Playmobile*".

Il-prosekuzzjoni striehet biss fuq ix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur u l-istqarrija ta' l-imputat u x-xhieda ta' Martin Tealing.

Ebda kuntrattur jew *part time worker* ma gie prodott (wara investigazzjoni u sejbin ta' htija fuq misappropreazzjoni) biex jikkonferma x-xienza da parti ta' l-imputat dwar il-provenjenza llecita ta' bcejjec ta' pupi in kwistjoni.

Illi mankanti tali prova il-Qorti trid tigwida ruha fuq Gurisprudenza nostrali dwar ir-ricettazzjoni:

*"Fir-ricettazzjoni, l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur ikun jaf, jew mic-cirkustanzi partikulari tal-kaz, ikun imissu ragenevolment ikun jaf li l-oggett li qed jakkwista gej minn provenjenza kriminuza."* (Ara **Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb u Melchiore Spiteri** deciza mill-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 1998.)

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza mill-Appell Kriminali fit-30 ta' April, 1992, intqal:

*"Min jakkwista oggett f'cirkustanzi li fihom imissu jissusspetta li dak l-oggett kellu provenzjenza llegittima, u intant ma ghamel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Illi, di piu', fis-sentenza **Il-Pulizija vs. George Tabone** deciza fil-24 ta' Gunju, 1961, il-Qorti ta' l-Appell (Per Honor Mhf William Harding) rriteniet is-segwenti:

*"L-element ta' (scienter) huwa mehtieg ghal integrazzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni. Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkustanzi tal-kaz partikolari; imma s-semplici susspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le ta' l-oggett li jkun ser jixtri jew jiltaqa', minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed ta' l-element intenzjoni ta' dan ir-reat."*

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. John Dimech** deciza Appell Krim. fil-24 ta' Gunju, 1961)

Ikkonsidrat:

Illi fil-kas in ezami, l-imputat, a tempo vergine stqarr illi kien jistaqsi lil bejjiegha jekk dawk l-oggetti kienux derevanti mis-serq u li dawn kienu jinnegaw u jghidulu li "kienu *left overs*".

Illi lanqas ma jista' jigi dedott xi xienza implicita' da parti ta' l-imputat fix-xiri tal-pupi zarmati u l-bejgh ta' pupi assemblati il-ghaliex ic-cirkustanzi ta' dan in-negozju ma jitfa ebda dell ikrah. Dan sehh fid-dawl tax-xemx f'post mill-aktar pubbliku, u cioe l-monti, kull nhar ta' Hadd. Ghaldaqstant il-Qorti, bl-ebda mod, ma tista' tinferixxi xi negozjati suspettuzi minn dan l-istat ta' fatt.

Illi l-Qorti hija prekluza milli tikkummenta dwar prezz ghaliex il-prova ta' prezz ta' pupa kompletata tal-*Playmobile,* mibjugha legalment, ma gietx prodotta mill-Prosekuzzjoni u allura wiehed ma jista jinferixxi xejn fuq il-prezz ta' l-oggett.

Ghaldaqstant, ai termini tal-Gurisprudenza fuq kwotati **Pulizija vs. Gorg Schembri** u **Puluzija vs. Nazzareno Zarb et.** din il-Qorti ma tistax tinferixxi xejn il-ghaliex ma jissussistux cirkustanzi dubjuzi li jiccirkondaw dan in-negozju.

Illi, di piu, l-imputat, a tempo vergine, iddikjara mal-Pulizija illi huwa ghamel il-verifiki mal-bejjiegha li nnegaw il-provenjenza minn serq u qalulu illi dawk l-oggetti kienu semplicement *leftovers*.

Illi l-imputat ma jistax jigi prezunt illi jkun jaf dwar l-obbligi illi l-*Playmobile* kellha mal-kuntratturi li kienu jghaqdu dawn il-pupi.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi l-Prosekuzzjoni ma pprovatx il-kas taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni.

Ghalhekk issib lill-imputat, Frank Difesa, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------